**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 48 – 5 ta' Lulju 2011**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fil-5.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 48. Il-laqgha bdiet fil-5.30 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Hadd | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku Alfred Grixti rringrazzja lill-Kunsilliera tal-attendenza taghhom ghalkemm il-laqgha il-laqgha saret f' gurnata u hin differenti mis-soltu. Is-Sindku spjega li dan sar minhabba li l-Kunsilliera Mary Vassallo La Rosa kienet se tkun imsiefra.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 47 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Joe Ciantar, George Cortis, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati b' mod unanimu hekk kifipprezentati (119).

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 4.2.2 tal-minuti ta' Agenda 47 u talab li jkun jaf f' xiex wasal ir-rapport finanzjarju tal-attivitajiet kulturali. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sa dakinhar kien tlesta rapport finanzjarju dwar in-NightFest u kien qieghed jipprezentah lill-Kunsill. Ir-rapport dwar l-attivitajiet kollha kien qieghed jigi preparat ghax kien ghad hemm xi invoices x' jidhlu.

2.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 4.2.6 tal-minuti u talab li jkun jaf x' tip ta' rigal kien qed jirriferi ghalih is-Sindku. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li s-Sindku ta' Enna kien baghat l-arceri li hadu sehem fin-NightFest minghajr hlas u l-Kunsill kien iffinanzja *l-lodging* u transport taghhom.

2.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill kien issemma li kellu jinghata programm lill-Kunsilliera dwar iz-zjara tal-Urna. Is-Sindku wiegeb li ghalkemm dan il-programm ma kienx tqassam fil-laqgha precedenti dak kien spjegat lill-Kunsilliera. Il-Kunsillier Dominic Cutajar qal li kulhadd kien ircieva l-poster tal-Urna fi djaru u fuqu kien hemm il-programm kollu.

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti ghamel referenza ghal punt 3.1. tal-minuti ta' Agenda 47 u spjega li hekk kif qal fl-ahhar laqgha, huwa accetta stedina minghand l-PBS biex il-Kunsill jippartecipa fil-programm "Mill-Bieb il-Gewwa". Is-Sindku spjega li ghal dan il-programm kien se jattendi hu flimkien ma Kunsillier iehor, familja Zebbugija u kok Zebbugi. Is-Sindku kompla jghid li dan il-programm kien irhas minn dak tal-One Productions li semma fl-ahhar laqgha, u l-islot tal-Kunsill kien ghal nhar is-Sibt 19 ta' Settembru 2011.

2.5. Is-Sindku ghamel referenza ghal punt 3.2. tal-minuti u talab lill-Vici Sindku Duncan Bartolo biex itih update fuq il-hidma li saret dwar il-korsijiet tal-kompjuter. Il-Vici Sindku wiegeb li hu flimkien mal-Kunsillier Emanuel Agius kien ghadhom qed jahdmu fuqhom.

2.6.1. Is-Sindku Alfred Grixti ghamel referenza ghal pagna 333 tal-minuti dwar il-migja tal-Urna. Is-Sindku spjega li fl-ahhar jumejn inqalghu hafna problem li ma kienux previsti. Is-Sindku qal li fis-7 ta’ Gunju rcieva fax minghand l-Assessorat ghal-Beni Kulturali fejn qalulu li l-permess sabiex tingieb l-urna kien ghadu ma waslilhomx. Is-Sindku spjega li ghamel kuntatt ma’ Dr. Giuseppe Monaco, l-President tal-Provincja li cempel mill-ewwel lill-Assessur tal-Beni Kulturali tar-Regione Siciliana, Sebastiano Misseneo u dakinhar stess gie ffirmat id-digriet.

2.6.2. Is-Sindku spjega li l-ghada t-8 ta’ Gunju, lejliet li l-Urna kellha tingieb Malta, intalab certifikat mediku forensiku minhabba li kienu ha jigu mcaqalqa *resti mortali* u ghalhekk kellhom jingiebu zewg tobba legali. Is-Sindku kompla jghid li tant kienet farsa li zewg membri tal-Assocjazzjoni ta’ San Filippo kellhom jiffirmaw li huma qraba ta’ San Filep. Is-Sindku qal ukoll li nholqu diversi problemi relatati wkoll mal-ippakjar tal-urna u meta tqis dawn il-problemi kollha u frazijiet bhal “l-urna tkun waslet meta tasal”, igeghluh jahseb li kien hemm hidma sabiex il-Kunsill jigi mfixkel f’ din l-inizjattiva.

2.6.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill dwar episodju iehor, fejn huwa ma hax gost li s-Sindku ta’ Agira gie mistieden minn wara dahar il-Kunsill ghall-kuncert tas-Sibt mill-Kazin San Filep. Apparti hekk fil-marc tal-Hadd filghodu l-Kunsillier Dominic Cutajar, l-Project Manager Philip Gatt u l-Events Co-ordinator Dr. Massimo Ellul, prattikament gew aggrediti minn partitarji u ufficjali tal-Kazin San Filep.

2.6.4. Il-Kunsillier Dominic Cutajar spjega li s-Segretarju tal-Kazin San Filep, Tarcisio Mifsud, l-PRO, Philip Balzan u numru ta’ partitarji fosthom it-tifel ta’ Joe Vella maghruf bhala Ferrito, aggredewhom fil-marc kif qal is-Sindku u hassu tassew disgustat u umiljat bl-attegjament taghhom u jixtieq li jiltaqa’ mal-kumitat tal-kazin halli dawn jispjegaw ruhhom.

2.6.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li dan kollu nholoq minhabba li s-Sindku ta’ Agira ma lahaqx jattendi ghall-kuncert tal-Kazin San Filep. Is-Sindku spejga li wara t-transulazzjoni tas-Sibt li damet hafna aktar mis-soltu, is-Sindku ta’ Agira wera x-xewqa li jiltaqa’ mas-socjetajiet kollha. Is-Sindku qal li allura bdew izuru s-socjetajiet wahda wahda bil-hsieb li jzuruhom kollha. Is-Sindku spjega li l-Kunsill qatt ma gie nfurmat li s-Sindku ta’ Agira kien mistieden ghall-kuncert ghax l-istedina saret minn wara dahar il-Kunsill. Is-Sindku spjega li s-Sibt ma kienux lahqu jzuru s-socjetajiet kollha u filfatt lahqu biss l-ufficju tal-PN, il-Kazin ta’ San Guzepp u 12th May. Is-Sindku spjega li f’ dawn il-postijiet kollha s-Sindku Giunta gie mizmum kemm minn Maltin u Sqallin li riedu jifirhulu. Ghalhekk l-intenzjoni kienet li s-Sindku ta’ Agira jzur il-Kazin San Filep l-Hadd, izda meta l-Kunsillier Dominic Cutajr, l-Project Manager Philip Gatt u l-Events Co-ordinator Dr. Massimo Ellul marru sabiex jorganizzaw iz-zjara gara dak li gara. Il-

Kunsillier Dominic Cutajar irripetta li huwa jixtieq apologija mill-kumitat u fakkar li l-partitarji ppruvaw isawtu lill Dr. Massimo Ellul.

2.6.6. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li wara l-festa gie avvicinat mill-President tal-Kazin San Filep, Dr. Godfrey Farrugia u saret laqgha kordjali bejn it-tnejn, fejn dan irrikonoxxa li l-kazin kien zbalja li ma nfurmax lill-Kunsill bl-istedina li l-Kazin ghamel lis-Sindku ta' Agira u anke li ma ghamilx invit ufficjali lill-Kunsilll ghall-istess attivita`. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jekk il-Kunsill ihoss il-bzonn huwa kien se jikteb lil Dr. Farrugia sabiex issir laqgha mal-kumitat tal-kazin.

2.7. Is-Sindku Alfred Grixti ghamel referenza ghal pagna 334 tal-minuti ta' Agenda 47 u qal li fit-toroq tal-PPP beda x-xoghol fuq il-house connections.

2.8.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li dwar l-introduzzjoni tas-servizz il-gdid ta' transport pubbliku gewwa Haz-Zebbug, il-Kunsill kien ircieva diversi lmenti minn residenti dwar l-mod kif tqeghdu stages, u ghax tnehhew spazji ta' parkegg u ghalkemm il-Kunsill kiteb numru ta' ittri, baqa bla twegiba.

2.8.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq ilment dwar stage fi Vjal il-Helsien li tinsab quddiem ir-residenza tal-familja Fabri. Huwa spjega li din l-istage kien ilha hemm ghal diversi snin u tohloq inkonvenjent lil din il-famlja.

2.8.3. Il-Kunsillier Dominic Cutajar gibed l-attenzjoni sabiex jekk se jkun hemm xi gheluq ta' toroq relatati mal-festa ta' San Guzepp, il-Kunsill kellu jiehu hsieb jinforma l-Arriva. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li huwa kien diga spjega l-process lis-sur Mario Cilia mill-Kazin San Guzepp u Banda de Rohan.

2.9. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill ghandu jikkunsidra li fil-festa jitnehhew il-gabbani tat-toys u dawn jithallew jarmaw biss fil-karnival, filwaqt li jitnaqsu l-granet li fihom jarmaw il-gabbani. Is-Sindku spjega li mhux sew li fil-festa jgawdu biss dawn il-gabbani, meta l-hwienet tal-lokal jipprovdu servizz is-sena kollha.

2.10. Is-Sindku Alfred Grixti qal li josserva b' sodisfazzjon ghal fatt li fl-attivitajiet kollha tal-festa gie rispettat il-protokol, wara li l-Kunsill ha hsieb jibghat kopja tal-protokol lis-socjetajiet kollha u lill-parocca.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill cirkulari minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar id-Devoluzzjoni tad-Dawl tat-Toroq lill-Kumitati Regjonali. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ikkummenta li l-ewwel wiehed irid jara kif se jkun il-ftehim dwar il-manutenzjoni tal-arbli u kien

hemm bzonn aktar kjarifiki. Is-Sindku Alfred Grixti qal li din id-devoluzzjoni kienet mod kif wiehed jiggustifika l-esistenza tal-kumitati regjonali.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar gibed l-attenzjoni ghal numru ta' pagamenti lil M&E Management group. Is-Segretarju spjega x' kienet il-procedura dwar hlasijiet relatati ma' dan il-kuntratt. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li huwa kellu fiducja ghamja f' dak li kien qieghed isir.

4.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-Audited Accounts kienu lesti u l-posizzjoni finanzjarja tal-Kunsill marret ghall-ahjar minn sitwazzjoni ta' deficit f' gheluq is-sena finanzjarja 2009 ghal sitwazzjoni ta' profitt f' gheluq is-sena finanzjarja 2010. Dan kien grazzi ghal hidma ta' kontroll tal-ispejjez tas-Segretarju Ezekuttiv.

4.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Joe Ciantar, George Cortis, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati. (120)

4.5. Il-Kunsillier Philip Said dahal ghal-laqgha fis-6.30pm.

## 5. VETTURA GHALL-KUNSILL

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li aktar ma' jghaddi z-zmien aktar qed jinhass il-bzonn li l-Kunsill ikollu l-vetturi tieghu. Is-Sindku qal li kien hemm bzonn ta' zewg vetturi, wahda ghal project manager u ohra li tiflah naqra iktar strapazz ghall-haddiema tal-Kunsill.

5.2. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ikkummenta li xi snin ilu huwa kien ipprezenta kopja ta' skeda apposta li tintuza ghal manutenzzjoni ta' karozzi.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex jinhareg tender sabiex jinxtraw zewg vetturi ghall-Kunsill. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata. (121)

**6. KTIEB DWAR FRANS SAMMUT**

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li rcieva email minghand Dr. Mark Sammut, fejn dan talab li l-Kunsill jikkunsidra l-idea li jinkiteb ktieb dwar ix-xogholijiet ta' missieru, l-awtur Zebbug Frans Sammut, li miet ftit tax-xhur ilu. Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera l-idea ta' Dr. Sammut. Il-Sindku kompla jghid li l-ewwel wiehed irid jara l-ispejjez involuti fuq dan il-progett, izda kien qieghed jitlob b' mod formali l-approvazzjoni tal-Kunsill ghal din l-inizjattiva. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Joe Ciantar, George Cortis, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-Kunsill approva l-idea li jsir ktieb dwar ix-xogholijiet ta' Frans Sammut. (122).

**7. MAFKAR FRANS SAMMUT U MAFKAR DR. PHILIP MUSCAT**

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsilliera l-idea li jsiru zewg monumenti, wiehed ghal Frans Sammut u l-iehor ghal Dr. Philip Muscat.

7.2. Il-Kunsillier Philip Said ikkummenta li huwa kien tal-idea li flok monument fiziku issir xi haga differenti bhal borza ta' studju, specjalment fir-rigward ta' Frans Sammut.

7.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li huwa ma kellu xejn kontra li jsiru dawn il-monumenti, izda kien jissuggerixxi li jsiru monumenti ghal personaggi ohra Zebbugin bhal Guze Abela u Dun Mikiel Xerri. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li jaqbel u m' ghandu l-ebda problema bil-proposta tal-Kunsillier Ciantar, izda fl-immedjat jixtieq li l-Kunsill jiffoka fuq dawk li propona hu.

7.4. Il-Kunsillier George Cortis qal li huwa jhoss li l-Kunsill ghandu jikkunsidra l-idea li jaghmel mafkar ghall-vittmi tan-nar. Il-Kunsillier Cortis spjega li fil-legislaturi ta' qabel kien diga ressaq din il-proposta izda qatt ma sar xejn.

7.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien tal-idea li l-monumenti ta' Frans Sammut u Dr. Philip Muscat isiru fi Triq Sciortino hdejn il-monument tal-millenju.

7.6. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li fl-opinjoni tieghu ghandha ssir kummissjoni fuq din l-inizjattiva.

7.7. Il-Kunsillier George Cortis qal li ghal affarijiet siewja bhal dawn huwa kien lest johrog ghonqu. Huwa kompla jghid li monument ghal-vittmi tan-nar Zebbugin huwa xi haga xierqa ghal persuni li ddedikaw hajjithom.

7.8. Il-Kunsillier Philip Said ressaq suggeriment, sabiex tissema Triq ghall-vittmi tan-nar ukoll. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li dan kien suggeriment tajjeb. Is-Sindku kompla jghid li l-Kunsill irid joqghod attent ghal-mod kif javvicina l-familji tal-vittmi tan-nar. Il-Kunsillier George Cortis wiegeb li huwa kien lest li jaghmel ir-ricerka hu.

7.9. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fid-dawl ta' dan huwa kien qieghed jipproponi li;

1) Isiru monumenti ghal Frans Sammut u Dr. Philip Muscat
2) Tinhatar kummissjoni apposta li tagixxi bhala standing committee li tirricerka persuni Zebbugin li jkun haqqhom mafkar.
3) Isiru monumenti ghal Dun Mikiel Xerri u Guze Abela
4) Tigi studjata l-possibilta ta' borza ta' studju.

Huwa gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Joe Ciantar, George Cortis, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-Kunsill approva l-idea li jsir ktieb dwar ix-xogholijiet ta' Frans Sammut. (123).

7.10. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-Kunsill gie avvicinat mill-kummissjoni elettorali minhabba li gewwa Haz-Zebbug ghad fadal 12 il-Triq minghajr isem. Is-Sindku spjega li huwa kien avvicina lill-Kunsillier Philip Said halli jahdem fuq proposti ghall-ismijiet ta' dawn it-toroq. Fost l-ideat kien hemm li tissemma Triq ghal J.P. Vassallo u s-Sindku qal li kien jixtieq b' mod partikolari li l-bicca ta' Triq l-Isqof Caruana mill-kantuniera ta' Triq Paris tissemma ghal Frans Sammut.

7.11. Kien hemm qbil li l-kummissjoni tkun maghmula mis-Sindku Alfred Grixti u l-Kunsilliera Dominic Cutajar, George Cortis, u Philip Said.

## 8. ZEBBUG BUSINESS ASSOCIATION – MONTI

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill email li rcieva minghand iz-Zebbug Business Association fejn fost affarijiet ohrajn tresqet proposta sabiex il-monti jsir darbtejn fil-gimgha biss sabiex jinghata nifs gdid lill-hwienet. Is-Sindku talab lill-Kunsilliiera ir-reazzjonijiet taghhom.

8.2. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li huwa kien tal-idea li sakemm tohrog il-white paper fuq ir-riforma tas-swieq fil-berah, il-Kunsill ghandu jistenna sabiex jara l-proposti fil-white paper u wara jiddiskuti l-proposti taz-Zebbug Business Association. Kien hemm qbil dwar dan.

## 9. UPDATE VJAL IL-HELSIEN

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fil-jiem li ghaddew kienu nfethu t-tenders ta' Vjal il-Helsien u kien hemm zewg offerti; Polidano Bros ta' €1,310,510.93 u Ritemix (Gatt Bros) Ltd ta' €1,013,078.03. Is-Sindku kompla jghid li l-procedura li ha tigi addottata hija li l-ewwel issir l-evalwazzjoni teknika min naha tal-perit tal-Kunsill u wara dan ir-rapport jigi evalwat mill-kumitat tal-evalwazzjoni u l-aggudikazzjoni tat-tenders. Is-Sindku spjega li wara li jitlesta dan il-process isir laqgha tal-Kunsill apposta sabiex jigi diskuss dan l-item wahdu. Kien hemm qbil dwar dan.

## 10. UPDATE GNIEN TAL-GRAZZJA

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li d-dokument tat-tender ta' dan il-gnien kwazi lesti u ha ssir l-applikazzjoni mal-MEPA sabiex il-Kunsill jibbenefika minn fondi tal-Urban Improvement Fund ghal dan il-progett. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu l-ghazla li jew johrog tender wiehed li jkopri x-xoghol kollu f'dan il-gnien jew inkella johrog tlett tenders

separati; wiehed ghal xoghol ta' kostruzzjoni, l-iehor ghad-dawl u street furniture tal-gnien, u l-iehor ghal bandli. Is-Sindku spjega li b' dan il-mod ikunu jistghu jitfghu l-offerta taghhom kuntratturi li huma specjalizzati fil-qasam taghhom.

10.2. Is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex it-tender ikun maqsum fi tlett partijiet li jikkonsistu fil-kostruzzjoni, dawl u street furniture, u bandli. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Joe Ciantar, George Cortis, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu. (124).

## 11. UPDATE ATTIVITAJIET ANNIVERSARJU DUN KARM PSAILA

11.1. Il-Kunsillier Philip Said informa lill-Kunsill bil-hidma li qed issir b' risq dawn l-attivitajiet li se jkun parti wkoll minn Jum Haz-Zebbug. Il-Kunsillier Said spjega li s-Sibt 22 ta' Ottubru se ssir konferenza nazzjonali dwar Dun Karm filghodu u gew mistiedna tlett kelliema li diga accettaw l-istedina tal-Kunsill li huma il-Professur Oliver Friggieri, Adrian Grima u Dominic Fenech. Il-Kunsillier Philip Said kompla jghid lib l-ghajnuna tas-Sindku, se jsiru workshops ta' kitba kreattiva dwar Dun Karm organizzati minn Claire Azzopardi filwaqt li ha jkun hemm kontribut ukoll ta' Olivia Borg. Il-Kunsillier Said ressaq talba tal-Professur Friggieri sabiex isir promozzjoni ghal xi xogholijiet fuq Dun Karm.

11.2. Is-Sindku Alfred Grixti filwaqt li rringrazzja lill-Kunsillier Philip Said ghal hidma tieghu, fakkar lill-Kunsilliera dwar ic-CD li qieghed isir dwar ix-xogholijiet ta' Dun Karm, kif ukoll informa lill-Kunsilliera li dankinhar stess tal-konferenza filghaxija ssir is-serata ta' Jum Haz-Zebbug. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jibdew jahsbu minn issa dwar persuni li jahsbu li haqqhom Gieh Haz-Zebbug.

11.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsill proposta sabiex il-monument ta' Dun Karm Psaila li jinsab fi Triq Sciortino jsirlu xi xoghol ta' tisbieh u landscaping u dan jigi inawgurat il-Hadd 23 ta' Settembru fejn jigi mistieden il-President tar-Repubblika sabiex jaghmel zjar ufficjali f' Haz-Zebbug. Is-Sindku kompla jghid li hija xewqa tieghu li l-Kunsillier Joe Ciantar ghall-okkazzjoni jerga jaqra l-istess diskors li kien ghamel fl-

inawgurazzjoni ta' dan il-monument. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Joe Ciantar li minn naha tieghu filwaqt li accetta l-istedina, irringrazzja lis-Sindku. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Joe Ciantar, George Cortis, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-Kunsill approva l-mozzjoni b' mod unanimu (125).

**12. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA URGENTI**

12.1. Il-Kunsillier Philip Said gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghal numru ta' lmenti li rcieva dwar l-isleeping police li saru fi Triq Mikiel Ang Sapiano. Il-Kunsillier Philip Said kompla jghid li diga kien kellem lis-segretarju li qallu li kienet qed tittihed azzjoni.

12.2. Il-Kunsillier Philip Said informa lill-Kunsill li kellu laqgha mal-Kunsill tal-iskola fejn dawn urew ix-xewqa li r-relazzjoni tajba bejn il-Kunsill u l-iskejjel tigi reklamata ahjar fuq il-fuljett, filwaqt li esprimew ix-xewqa wkoll li jsiru lectures fuq is-sahha fl-iskejjel. Il-Kunsillier Said qal li relatat ma dan is-suggett hija xewqa tieghu li jerga jsir il-Healthfest li kien sar is-sena ta' qabel.

12.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa tajjeb li l-Kunsill ikollu relazzjonijiet tajbin mal-iskejjel. Is-Sindku spjega li hija xewqa tal-iskola li l-Kunsill jahdem fuq gemellagg bejn l-iskejjel ta' Haz-Zebbug u Agira u kien se jressaq din il-proposta meta jzur Agira f' Awissu li gej.

12.4. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsill li bil-permess tas-Sindku kien qieghed jahdem fuq attivita ta' tberik tal-annimali li ssir fi Triq l-Infetti hdejn il-klabb tal-Bocci u ma' din l-attivita jkun hemm ftit ghana tal-okkazjoni.

12.5. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsill li gie avvicinat minn xi residenti li lmentaw li l-bankina ta' Triq l-Infetti hdejn il-klabb tal-bocci kienet wisq dejqa. Kien hemm qbil li tingieb kwotazzjoni sabiex titwessa din il-bankina.

12.6. Il-Kunsillier George Cortis qal li gie avvicinat minn xi residenti li t-tarmac li sar fi Triq il-Buskett kien irqieq f' certu zoni u kien jidher it-terapien.

12.7. Il-Kunsillier Joe Ciantar gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-monument tal-millenju fi Triq Sciortino kellu xi hsara fil-bazi tieghu li qeghdha tissaddad u hija ta' periklu.

12.8. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni dwar bankina perikoluza fi Triq Sciortino quddiem it-12th May.

12.9. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li qed issir hidma sabiex jigi organizzat tour ghall-festa estiva ta' San Filep. Is-Sindku spejga li l-Kunsilliera huma mistiedna jattendu l-flights u l-akkomodazzjoni taghhom se jkunu finanzjati mill-Kunsill bhala attivitajiet relatati mal-gemellagg izda min jixtieq igib lil xi hadd mieghu, dan irid ihallas.

12.10. Il-Kunsillier George Cortis qal li xtaq jghid prosit lill-kulhadd tal-festa kbira li giet organizzata din is-sena u tas-sehem tal-Kunsill u li din il-festa giet imfahra minn kulhadd.

## 13. AGGORNAMENT

13.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar it-tnejn 8 ta' Awissu fis-6pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8.40pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |